KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 66

Is-sitta u sittin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 22 ta' Marzu 2017 fis-6.09 pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** (Skont Ordni Permanenti 14A (3)) | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

*66.1 Qari tal-ittri ta' apologiji ;*
*66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ;*
*66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku ;*
*66.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera ;*
*66.5 Rapporti ;*
*66.6 Manutenzjoni fuq Latrini Pubbliċi*
*66.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' Kumitati u /jew Sotto Kumitati;*
*66.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti ;*
*66.9 Mozzjonijiet ; u*
*66.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

## 66.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

66.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittra t'Apoloġija mill-Kunsilliera L. Cassar Shaw. Il-Kunsill aċċeta.

## 66.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

66.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 65 tas-seduta 15 ta' Frar, 2017 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

66.2.2 Il-Kunsillier M. Briguglio propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 65_15/02/2017*

## 66.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

66.3.1 Is-Sindku irrefera għat-tħawwil ta' siġar fi Triq Dingli. Is-Sindku informa li ser ssir laqgħa mal-Perit il-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar it-tip ta' siġar li se jkun hemm kif se jitħawlu minħabba l-faċċati tad-djar. Il-Kunsill se jkun qiegħed japplika mal-PA. *Siġar – Triq Dingli*

66.3.2 Dwar punt 65.3.3 dwar it-tender tad-dawl tat-toroq, is-Segretarju Ezekuttiv qal li s'issa għad m'hemmx *follow-up* mis-Segretarji Ezekuttivi ta' Kunsilli oħra li ħadu l-inkarigu u s-Segretarju Ezekuttiv se jerġa jagħmel kuntatt mal-Kunsilli konċernati. *Tender tad-dawl*

66.3.3 Dwar punt 65.3.4 dwar il-kiri ta' garaxx għal *store*, is-Segretarju Ezekuttiv informa li sar qbil mas-sid li l-kuntratt isir għal erbgħa snin bil-prezz ta' Eur5.00 (Excl. Vat) kuljum. Il-Kunsill qabel ma dan. Kiri ta' garaxx

66.3.4 Dwar punt 65.3.5 dwar il-kaz tas-Socjeta San Girgor, il-Kunsilliera *San Girgor*

ġew infurmati li l-Kunsill iltaqa mal-membri tas-Socjeta San Girgor kif kien ġie deċiz fl-aħħar seduta. Is-Sindku informa li fil-laqgħa kien hemm prezenti l-avukat tagħhom flimkien ma membri oħra fejn dawn stqarru li mhux se jagħmlu uzu mil-bejt bħala *roof garden* permezz ta' din l-applikazzjoni mal-PA. Dan bgħatuh ukoll bil-miktub lill-Kunsill. Il-membri qalu ukoll li ħassew li l-ittra li intbagħtet mill-Kunsill lill-PA dwar l-oġġezzjoni kienet waħda offensiva. Il-Kunsill stqarr li din ma kienitx l-intenzjoni izda l-intenzjoni kienet li tipproteġi lir-residenti tal-madwar.

*Daħlet il-Kunsillier V. Galea Pace għas-seduta fis 18.18*
*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat mis-seduta fis-18.18*

Il-Kunsill qabel li jirtira punti mill-oġġezzjoni tiegħu, fosthom illi l-ittra kienet aktar indirizzata għall-*management* ta' *Club Lounge* milli għall-membri tas-Socjeta, hekk kif ukoll jirtira il-punt dwar ir-*roof garden.*

*Daħal lura l-Kunsillier P. Portelli fis-18.20*

66.3.5 Is-Sindku irrefera ukoll għall-kaz tar-rampa quddiem il-kazin ta' San Girgor, u kif il-Kunsill għadu qiegħed jistenna risposta mis-CRPD (*Commissionion for the Rights of Persons with Disabilty*) dwar il-mod kif għandha ssir. Is-Sindku fakkar ukoll dwar il-pagament li kien inzamm *on hold* fuq attivita li saret mis-Socjeta San Girgor b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, sakemm din ir-rampa ssir skont ir-regolamenti. Is-Sindku spjega li irċieva diversi rikjesti minn San Girgor biex dawn jitħallsu ta' l-attivita li diġa saret flimkien mal-Kunsill li huma ħarġu l-flus għalija diġa. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hi tħoss li ħaġa m'għandiex x'taqsam mal-oħra. Is-Sindku ressaq proposta biex issir deċizjoni dwar jekk għandux jingħata l-pagament jew le. Kien hemm qbil li jingħata l-pagament kollhu. Sadanitant il-Kunsillier M. Briguglio saqsa x'se jsir mil-fatt li rampa għad trid issir skont l-*istandards* ta' CRPD. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li skont l-ittra li irċieva minn CRPD għandhom imorru jispezzjonaw ir-rampa dalwaqt. *Rampa ta' san Girgor*

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli għas-seduta fis-18.26*

66.3.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina saqsiet x'jista jsir dwar il-vandalizmu, u b'mod partikolari li sar fil-Gnien Indipendenza tal-bollards tad-dawl li għadhom kif twaħħlu. Il-Kunsillier P. Portelli fakkar li kien hemm ilment fuq *facebook* dwar dan u talab li l-Kunsill għandu jirrispondi *Vandalizmu*

b'mod tekniku li għadu kif spjega is-segretarju. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jirreferi dan lil-engineer. Il-Kunsill qal li f'din l-istess laqgħa ser jigi *awarded* kuntratt għat-tqegħid ta' sistema CCTV f'dan il-gnien.

66.3.7 Il-Kunsillier M. Briguglio tkellem dwar punt 65.3.10 dwar l-uzu tar-roti u qal li qegħdin jinkrew madwar mitt rota kuljum tal-kumpanija *Nextbike*. Ġie diskuss li filwaqt li huwa tajjeb li qiegħed ikun hemm domanda akbar ghall-uzu tar-roti biex b'hekk jitnaqqsu l-karrozzi, qiegħed ikun hemm diversi ilmenti għaliex ikun hemm min juza l-*promenade*. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibed l-attenzjoni li hemm tabelli u sinjali li r-roti mhumiex permessibbli fuq il-*promenade*. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jgħid li meta jingħataw il-*membership* hemm fil-kundizzjonijiet man-*Nextbike* li ma jistgħux juzaw il-*promenade*. Informa wkoll li avza lill-LESA dwar dan kollhu u biex jagħmlu aktar infurzar u jimxu skont il-liġi. *Bicycle stands*

66.3.8 Is-Sindku informa li għadu jirċievi diversi ilmenti dwar il-problema tal-ħamiem, u talab li jiġu deċisi tlett dati biex tkun tista tittieħed azzjoni u jkunu involuti aktar Kunsilliera. *Ilmenti dwar il-ħamiem*

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta fis-18.36*

Kien hemm qbil li dawn id-dati jiġu kkordinati mill-uffiċċju u tintbgħat *email* lill-Kunsilliera kollha.

66.3.9 Is-Sindku informa li meta SOS Malta jibgħatu d-data ta' meta se jinbeda l-proġett li kien ġie spjegat fl-aħħar seduta, għandu jinforma lill-Kunsilliera. *SOS Malta*

66.3.10 Dwar punt 65.6 dwar is-servizz tat-trasport għad-*Day Centre*, is-Segretarju Ezekuttiv qal li għad ma kellux risposta mill-kumpanija u għandu jerġa jipprova jagħmel kuntatt. *Servizz tat-Trasport għad-Day Centre*

66.3.11 Dwar punt 65.5.3 dwar *resurfacing* taz-*zebra crossings*, is-Sindku informa li l-Kunsill se jsiru xi uħud fosthom ta' Triq Dingli (l-parti ta' fuq) u tnejn gewwa Triq it-Torri. Zebra crossings

66.3.12 Il-Kunsillier D. Muscat irrefera għal punt 65.5.4 dwar arti fi djar u informa li sab l-ewwel familja. L-artisti minn Napli (AltoFest) ġejjin f'Mejju 2017 u jibdew it-taħdidiet li twassal li l-arti tkun esposta fil-familji interessati f'April 2018 meta jkun jmiss lil Tas-Sliema. *Arti fi djar*

66.3.13 Is-Sindku ressaq talba minn Transport Malta għall-istallazzjoni ta' *bollards* fi Triq Stella Maris. Il-Kunsill ġie infurmat li biex jiġu approvati dawn it-tip ta' bollards persuna privata irid japplika mal-PA permezz ta' DNO. Is-Sindku qal li f'dik it-triq qiegħed ikun hemm ammont ta' zvilupp, hija triq dejqa u f'UCA. Is-Sindku informa ukoll li l-Kunsill ma joħroġx dawn it-tip ta' permessi izja irid jimxi mal-proċeduri. Sadanittant il-Kunsill ġie infurmat li t-TM talab il-kummenti tal-Kunsill dwar din it-talba. Is-Segretarju Ezekuttiv qara l-korrispondenza mit-TM. *Bollards fi Triq Stella Maris*

Daħal il-Viċi-Sindku għas-seduta fis-18.49

Il-Kunsilliera ġew imfakkra li l-Kunsill huwa responsabbli f'kaz ta' inċident. Is-Sindku talab li kull darba li jkun hemm talba għal *bollards* (kemm jekk l-area tkun f'UCA jew le) din tiġi diskussa f'seduta tal-Kunsill, u l-Kunsill jiddeċiedi skont il-kaz. *Talbiet għal bollards*

Saret diskussjoni dwar Triq Stella Maris minħabba li hija dejqa. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa x'se jsir min għandu bzonn itella għamara, trukkijiet tal-gass eċċ. Il-Kunsill reġa irrefera għat-talba mit-TM u kien hemm qbil li tintbgħat 'No Objection'. Sadanittant kien hemm qbil ukoll li terġa titwaħħal tabella li ma jidħlux vetturi kbar sakemm ma jridux jagħtu servizz lir-residenti. *Triq Stella Maris*

66.3.14 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntratti tal-bulky refuse, CCTV fil-ġonna għalqu. Il-Ġimgħa se jagħlaq t-tender tal-*Planning and Architectural services*. Filwaqt li t-tenders tal-latrini pubbliċi u l-knis riedna mmexxuhom b'ġimgħa minħabba li saru xi arranġamenti fis-sistema tat-tenders mid-Dipartiment tal-Kuntratti. *Diversi tenders*

66.3.15 Fir-rigward tat-tender tas-servizz ta' *accountant* ġie rrakkomandatt mid-Dipartiment tal-Kuntratti li dan għandu jaqa' u jerġa jinħareġ ieħor mil-ġdid. Kien hemm approvazzjoni mill-Kunsill dwar dan. *Tender tal-Accountant*

66.3.16 Dwar it-progett tal-*car park* is-Segretarju Ezekuttiv prezenta stima mill-Perit Bezzina dwar studji teknici li hemm bzonn isiru min Perit speċjalizzat. Din se tkun tiġi tiswa Ewro 12,000 VAT eskluz. Il-Kunsill qabel li jiċċekkja jekk il-Perit Bezzina jistgħax iqabbad perit ieħor bħala *sub-contracting* għal dan il-valur. *Tender tal-carpark*

66.3.17 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li talab stima mill-*insurance* għall-proġett tal-Gnien Indipendenza *lighting* u informa li fuq Ewro 60,000 l-istima tiġi tiswa madwar Ewro 1200. Is-Segretarju *Stima mill-insurance*

Ezekuttiv qal li nistgħu nagħmlu revizjoni fl-ammont u nitolbu għal madwar Ewro 30,000. Kien hemm qbil dwar dan.

**66.4 TWEGIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**

66.4.1 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għal Henrietta Xevallier li kienet *war hero*, u talab jekk jistgħax isir xi tip ta' apprezzament u ssir kommemmorazzjoni. Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li tiġi inkluza f'Wirt u Niesha. Kien hemm qbil dwar dan. L-email konċernata għandha tintbgħat lill-Kunsillier D. Muscat u tiġi diskussa fil-kumitat tiegħu. Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun hemm ukoll *write up* fil-fuljett tal-Kunsill dwarha. *H. Xevallier*

66.4.2 Il-Kunsill iddiskuta t-tibdil tal-*canopies* fi Gnien Indipendenza. Kien hemm qbil li jinħareġ tender għal *canopies*, wara li jsiru l-istudji min Perit dwar l-*ispecifications* li hemm bzonn. *Canopies fi Gnien Indipendenza*

66.4.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal punt 65.3.9 dwar l-ittra li kienet intbgħatet lill-Onor. Schembri dwar il-*policy* ta' imwejjed u siġġijiet tal-PA. Il-Kunsillier P Radmilli talab li l-amministrazzjoni tagħmel *follow up*. *Ittra lill-Onor. Schembri*

66.4.4 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li kien ġie diskuss li għat-tender tal-knis tiġi riveduta l-iskeda tat-tindif tat-toroq. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-laqgħa mal-Kumitat saret u sar xi tibdil speċjalment fit-toroq prinċipali fis-sajf. Is-Segretarju qal li bgħatt il-listi lill-Kunsilliera fil-kumitat u ħadd ma wieġeb. Huwa prezenta l-imsemmija *email* fuq il-mejda. Madankollu, u għax it-tender issa ħareġ is-Segretarju informa li f'kaz li l-Kunsill jiddeċiedi li jkun hemm aktar tibdil dejjem tista ssir *addenda*. *Tender tal-knis*

66.4.5 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li kellu jiġi inkluz fit-tender li t-tbattil tal-bins isir il-Ħdud ukoll mal-ġbir. Il-Kunsilliera V. Galea Pace fakkret li kellu jiġi inkluz il-boroz għar-reċipjenti. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li t-tnejn huma inkluzi. *Tenders*

66.4.6 Dwar it-tabelli ta' informazzjoni li se jitwaħħlu dwar Tas-Sliema antika, il-Kunsillier P. Radmilli talab li għandu jkun hemm min jagħmel *proof reading* tal-Ingliz u l-informazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan u l-*wording* għandha tintbgħat lill-Kunsilliera kollha. *Tabelli – Tas-Sliema antika*

66.4.7 Dwar punt 65.9.7 dwar nuqqas ta' presenza ta' gwardjani lokali, is-Segretarju Ezekuttiv informa li kitteb l-ittra lis-Sur Ray Zammit. *Nuqqas ta' gwardjani lokali*

Ġie nnotat li l-LESA għandhom il-kuntratt skadut u ilu mit-2016 bgħatu lir-Reġjun biex jestendu l-kuntratt għal sena sħiħa. Il-Kunsillier P. Radmilli spjega kif se nidħlu f'kumplikazzjoni, għaliex peress li ġew ċentralizzati l-Kunsill m'għandux dritt li jamministra s-servizz. Il-Kunsillier Radmilli ssuġerixxa jekk jistax jinħareġ tender mil-Kunsill u l-kuntrattur iħallas direttament. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan. Il-Kunsill qabel li s-servizz jibqa għaddej kif inhu u fejn ma nsibux gwardjani nsaqsu għall-presenza ta' pulizija biex il-Kunsill ikun jista jibqa jaqdi lill-applikant.

66.4.8 Il-Kunsillier D. Muscat informa li kellu talba minn *St. Francis School* biex isir *sleeping policeman* fil-bidu ta' Triq Manwel Dimech għas-sigurta tat-tfal. Is-Sindku fakkar li l-Kunsill kien iddeċieda li biex issir *sleeping policeman* trid issir petizzjoni mir-residenti ta' dik l-akwata għaliex wara li titpoġġa dejjem ikollna l-ilmenti biex terġa titneħħa. Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li jsiru *rumble strips* (b'tumbata mhux għolja) bit-tarmac stess. Kien hemm qbil li ssir ukoll bħal tal-iskola. *Sleeping policeman*

66.4.9 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar id-*devoluzzjoni tal-carpark*. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li bħalissa d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma jistax jagħti tweġiba sakemm l-Awtorita ġdida tal-Lands twieġeb. Ser ikun izda qed jibgħat *reminder* lill-Onor. Schembri. *Devoluzzjoni tal-carpark*

66.4.10 Il-Kunsillier D. Muscat qal li hemm dlam in-naħa ta' fuq ta' Triq Dingli (fejn Miracle Foods). Is-Sindku informa li bħalissa hemm il-bozza ta' Triq Sant' Elena maqtugħa u allura hemm aktar dlam, madankollu se ngħollu l-vultaġġ tal-bozza fi Triq Dingli. Is-Sindku qal ukoll li se tizdied bozza fejn il-Preluna. *Dawl fit-toroq*

66.4.11 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa fejn se jitwaħħlu l-għaxar bins. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jibgħat email lill-Kunsilliera u fi zmien ergha t'ijiem jagħtu s-suġġerimenti tagħhom. *Bins*

66.4.12 Il-Kunsillier P. Portelli issuġġerixxa li l-Kunsill jordna bins ġodda (kemm tal-klieb kif ukoll għall-iskart) għal Triq Dingli, biex kif se jsir l-proġett u jitwaħħlu s-siġar, ikun komplut. Kien hemm qbil dwar dan. *Bins fi Triq Dingli*

66.4.13 Il-Kunsillier P. Portelli informa li s'issa l-Kunsill għadu ma rċieva ebda Memo dwar fondi għall-attivitajiet kulturali. F'kaz li l-Kunsill jibqa ma jirċeviex dawn il-fondi mhux se jkun jista jagħmel dan il-*festival*. Zied jgħid li l-Kunsill ma jistax jibqa jistenna għaliex xorta *SAF*

ma jkunx jista jorganizza attivita daqshekk kbira f'qasir zmien.

66.4.14 Il-Kunsillier P. Portelli qal li avviċinah l-impjegat tal-Kunsill Daniel Micallef u saqsih jekk jistgħax jagħmel id-dizinn tal-fuljett tal-Kunsill u jitħallas apparti. Il-Kunsill irid jiċċekja mal-proċeduri u zgur li dan ma jistgħax isir fil-ħin tal-Kunsill. *Magazine tal-Kunsill*

66.4.15 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irrimarkat li hemm bzonn li jkun hemm aktar fjuri kkuluriti fis-*centre strips* u fejn il-monument tal-gwerra fix-Xatt. Ziedet tgħid li l-*flower pots* ta' Dingli Street jista jkun hemm fjuri aħjar. Kien hemm qbil u l-*contracts manager* irid jagħmel kuntatt mal-ELC kif ukoll jitolbu il-programm ta' xogħlijiet kif hemm fil-kuntratt. Ġie deċiz ukoll li f'kaz li ma jzommux mal-kuntratt tinħareġ *default notice*. *Manutenzjoni ta' soft areas*

66.4.16 Il-Kunsill ġie infurmat li kien rebaħ kaz li kien deċiz mil-Qorti, ta' kumpanija li kissret *barrier* f'Tas-Sliema. L-avukat tal-Kunsill informa li l-kazijiet simili jirbaħhom il-Kunsill. Sadanittat il-Kunsill qiegħed jara kif se jiġbor il-flus minn Nectar Ltd. *Kazijiet legali - barriers*

66.4.17 Is-Sindku ressaq talba biex isiru *bollard* fi Triq Rudolfu (ma Imrabat) u Triq Rudolfu faċċata (fejn tal-pastizzi) għaliex qegħdin jipparkjaw fuq il-bankini. Kien hemm qbil li jitwaħħlu erba u erba. *bollards*

## 66.5 RAPPORTI

66.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 66.6 MANUTENZJONI FUQ LATRINI PUBBLIĊI

*Il-viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta 20.11*

66.6.1 Is-Sindku informa li prezentament il-latrina pubblika ta' fejn il-Fortizza għada magħluqa u għada ma ħarġitx tender min-naħa tat-*Tourism Zones*. Is-Sindku saqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li l-Kunsill jagħmel manutenzjoni lill-latrina sabiex tkun tista tinfetaħ għas-sajf. Il-kwotazzjoni tiswa madwar Ewro 4,000 (Vat eskluz). L-intenzjoni li din tkun manutenzjoni ħafifa peress li eventwalment ser jittieħdu mill-Gvern. Kien hemm qbil dwar dan.

66.6.2 Dwar il-*mobile toilets* li hemm fix-Xatt ġie deċiz li jitwaqqaf is-servizz minnufih. Eventwalment isir proġett min-naħa tal-Gvern fejn isir *information centre* u jkun hemm inkluzi latrini pubbliċi. *Twaqqif ta' servizz ta' mobile toilets*

66.6.3 Ġie propost li jiġi rranġat is-saqaf tal-lattrina ta' fejn l-Għassa tas-Sliema. Din se tiġi tiswa madwar 1,000 (VAT eskluz). Kien hemm qbil dwar dan.

**66.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI.**

66.7.1 Is-Segretarju pprezenta l-offerti li l-Kunsill irċieva ta' CCTV u informa li l-Kumitat tat-tenders ibbaza d-diskussjoni teknika fuq rapport preparat mill-Inginjier. Kien hemm sitt offerti u tlieta minnhom ġew skwalifikati għaliex ma kienux skont l-*ispecifications*. L-irħas offerta mit-tlett applikanti li kwalifikaw hija Ewro 7,700 (VAT eskluz). Kien hemm qbil ma li rrakomanda l-kumitat u l-offerta ingħatat lill-*Strand Electronics*, peress li din kienet ic-*cheapest compliant offer*. Il-Kunsillier J Pillow irrimarka li dawn il-*cameras* iridu jitnaddfu ta' spiss. Kien hemm qbil dwar dan ukoll. *CCTV - offerti*

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-20.24*

66.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa dwar l-offerti li intefgħu *ta' bulky refuse service.* Kien hemm tlett offerti u l-prezzijiet varjaw. Il-Kunsill ġie infurmat, izda, li l-unika offerta u li hija *technically compliant* kienet tal-kumpanija SRF & Veladrians JV. Il-Kunsill qabel li tingħata lil din il-kumpanija. Il-Kunsillier J. Pillow fakkar li s-Sibt kellu jkun inkluz. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li iva inkluz u zied jgħid li f'kazijiet rari fejn ikun hemm anzjani li veru ma jistgħux joħorġu l-oġġett fuq il-bankina, il-kuntrattur jċempel l-qanpiena. Il-ħin se jinbidel għal filgħodu. Il-Kunsillier J. Pillow talab li l-van għandu jkollu fuq wara tabella li tgħid '*Bulky Refuse Service'*. Kien hemm qbil dwar dan. *Bulky refuse*

**66.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

66.8.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq pagamenti dwar xogħlijiet li saru fil-Berga u talab li jiġu approvati flimkien mal-iskeda, dan biex ikun jista jagħlaq il-proġett tal-Berga u jitlob għar-*refund*. L-ammont ta' erbgħa invoices mhux se jeċċedi l-Ewro 5,000. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni la darba jiġu iċċekkjati qabel ma jitħallsu.

66.8.2 Il-Kunsillier D. Muscat ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris issekondat. Kien hemm qbil unanimu *Approvazzjoni tal-pagamenti*

għall-approvazzjoni.

**66.9 MOZZJONIJIET**

66.9 Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**66.10 TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

66.10.1 Is-seduta intemmet fit-20.41. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 27 ta' April 2017 fis-6pm.

Minuti approvati llum 27/04/2017

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |